# Il-Festi tal-Konverżjoni u tal-Martirju ta' San Pawl, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl tar-Rabat (1798 - 1800)

***Winston Laurence Zammit*** *B.A. (Hons) M.A.*

Fost il-festi li ta' kull sena kienu jiġu ccelebrati fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl, insibu żewġ festi li kienu marbutin ma' San Pawl, li huma l-festa tal-Konverżjoni (25 ta' Jannar) u l-oħra tal-Martirju ta' San Pawl; li kienet tissejjaħ il-kommemorazzjoni ta' San Pawl li kienet issir fit-30 ta' Ġunju, u li kienet il-festa titulari ta' l-istess knisja.



*Il-Kwadru laterali tal-Kor li juri konverżjoni ta' San Pawl, xogħol tal-Pittur E. Coccoli.*

## Il-Festa tal-Konverżjoni

Nhar il-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl kien isir paniġierku, li fl-1798 sar minn Dun Salv Gambin (1) u li fl-1800 sar mill-Viċi-Parrokku Dun Ġużepp Vassallo (2). Dan il-paniġierku ma jidherx li sar fl-1799, għax ma jissemmiex fir-reġistru ta' l-amministrazzjoni tal-knisja. Aktarx li f'din is-sena l-paniġierku ma sarx minħabba l-qagħda kritika li fiha kien jinsab pajjiżna. Ma rridux ninsew li f'Settembru 1798, kien beda l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi, u pajjiżna kien jinsab fi stat ta' gwerra.

## In-Novena tal-Konverżjoni (1800)



L-artal Maġġur armat għall-festa titulari ta' San Pawl (c.1949)
Ritratt: Mike Grima

Fl-1800 minbarra l-paniġierku saret ukoll novena bi tħejjija għall-festa tal-Konverżjoni. Kif bdiet issir din in-novena?
Din in-novena taf il-bidu tagħha lis-Sacerdot Dun Salv Salvaloco. (3) Nhar l-20 t'Ottubru 1798, dan is-Sacerdot li kien marid fis-sodda, għamel testment fl-atti tan-Nutar Calcedonio Bonello. F'dan it-testment Dun Salv mhux biss ħalla legat ta' 50 skud għall-darba lill-Fratellanza ta' San Pawl eretta fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl, iżda fl-istess testment ordna li r-renta annwali ta' 9 skudi imposta fuq il-klawsura msejħa ta' Baldu, li ġiet imposta a favur tat-testatur mis-Sacerdot Don Luiġi Gauci u li attwalment kienu qed jitħallsu minn ħuħ Francesco Salvaloco, wara mewtu kellhom jitgawdew mill-Kongregazzjoni taħt it-titlu ta' San Pawl, eretta fil-Knisja Parrokkjali tar-Rabat.
B'din ir-renta annwali, l-Prokuratur kellu ta' kull sena jiccelebra għal dejjem, novena qabel il-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, simili għal dik li kienet issir fl-istess knisja qabel il-festa ta' San Mikiel, u bir-recitażżjoni tal-Kurunella ta' San Pawl. Dak li jibqa' wara li jitħallsu l-ispejjes kellu jmur għall-istess fratellanza. Il-Fratellanza ta' San Pawl, kellha tagħti bidu għac-celebrazzjoni tan-Novena, mmedjatament wara mewtu. (4)

## Il-Mewt ta' Dun Salv

L-imsemmi Dun Salv Salvaloco jidher li kellu mħabba kbira lejn il-knisja parrokkjali ta' San Pawl, għax fl-istess testment ħalla lill-knisja b'titlu ta' legat "una pianeta di color rosso e bianco con galloni d'oro propio". Ħalla wkoll kalci lil ħuħ Patri Giov. Francesco Salvaloco O.P. bil-kundizzjoni li wara mewtu dan kellu jingħata wkoll lill-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl. (5)
Dun Salv Salvaloco li kien ukoll prokuratur tal-Knisja ta' San Katald fir-Rabat miet fit-3 ta' Jannar 1799 (6). Wara mewtu il-Prokuratur tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl tar-Rabat Dun Pawl Azzopardi, permezz t'att reġistrat fl-atti tan-Nutar Calcedonio Bonello tat-30 ta' Mejju 1799, iddikkjara li kien ircieva mingħand is-sur Ġużeppi Azzopardi, l-esekutur testamentarju ta' Dun Salv Salvaloco, mhux biss il-pjaneta, iżda billi kien anki miet Patri Ġiuseppe Salvaloco, anki l-kalci tal-fidda (7).

## Tibda ssir in-Novena tal-Konverżjoni

Bil-mewt ta' Dun Salv ir-renta annwali ta' 9 skudi fis-sena għaddiet f'idejn il-fratellanza ta' San Pawl. Għaldaqstant fl-1800, il-Prokuratur tal-Fratellanza Nikola Agius [8] ħa ħsieb li ssir in-Novena tal-Festa ta' San Pawl, kif imwaqqfa minn Dun Salv. L-ispiża telgħet għal 9 skudi li tħallsu għall-quddies kantat, presenza fil-kor, ministri fil-quddies, l-organista u konsum tax-xema' [9].

## Il-Festa Titulari

Għalkemm il-kwadru titulari tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl juri n-Nawfraġju ta' San Pawl, il-festa titulari kienet tiġi "elebrata fit-30 ta' Ġunju, jum li fih il-knisja kienet tfakkar il-Martirju ta' San Pawl.
Hawnhekk ta' min ifakkar li fl-1767 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, twaqqfet il-Fratellanza ta' San Pawl.
Skond it-tieni artiklu ta' l-istatut tal-Fratellanza, il-festa tal-Martirju kellha ssir b'sollenita kbira mill-Fratellanza u b'purcissjoni ġenerali. Iżda l-artiklu V ta' l-istess fratellanza kien jgħid li billi l-Fratellanza għadha fil-bidu, il-knisja għandha tgħin fl-ispejjeż tal-festa u dan jibqa' jsir sakemm il-Konfraternita tkun fi stat li tagħmlu hi [10].
Jidher li sa tletin sena wara (1797) il-Fratellanza ma kienetx f'qagħda li tħallas l-ispejjeż kollha tal-festa għax il-knisja f'din is-sena ħallset tat-trattament tal-mużicisti, l-għasar bil-mużika u l-ispejjes biex inġiebu w ittieħdu lura l-affarijiet ta' l-isqof [11].
Il-festa tal-Kommemorazzjoni kif kienet tissejjaħ il-Festa tal-Martirju ta' San Pawl, fl-1798 ġiet icelebrata f'ambjent t'incertezza għax pajjiżna ftit ġimgħat qabel kien waqa' taħt il-ħakma Franciża.
Il-Festa saret u l-knisja għaliha ħarġet is-somma ta' skud u 5 tari, u ħallset ukoll 4 skudi u 4 tari għat-trattament tal-Maestro di Cappella, li hija ndikazzjoni li nġiebet il-Mużika [12]. Jingħad ukoll li dakinhar tal-festa, il-Franciżi kellhom il-ħsieb jieħdu xi fided mill-knisja ta' San Pawl, iżda billi kient il-festa titulari, ħallew dan ix-xogħol, li fil-fatt qatt ma sar, għal ġurnata oħra [13].

## Il-Festa ta' l-1799

Ma nsibu xejn fir-reġistri tal-knisja dwar il-festa titulari ta' l-1799, ħlief li l-knisja tat il-kontribuzzjoni ta' 1 skud u 5 tari [14]. Iżda għandna xi tagħrif dwar il-festa mir-Reġistri tal-Fratellanza ta' San Pawl. Minnhom nafu li saru kemm il-quddiesa kantata u l-paneġierku li matulhom it-tnejn saret ġabra. Il-paneġierku jidher li sar mill-Vici Parroku Dun Ġużepp Vassallo [15]. Il-Prokuratur ħalla wkoll miktub li fl-1799 saret ġabra fit-triq għall-Festa ta' San Pawl u nġabru 3 skudi u 2 grani [16].

## Il-Festa ta' l-1800

Għal din il-festa l-knisja reġgħet ħarġet is-somma ta' skud u ħames tari. Saret ukoll ġabra fit-toroq għall-istess festa li ħalliet 3 skudi u 4 tari, u oħra fil-knisja li ħalliet 5 skudi [17].

L-unika tagħrif li għandna dwar il-festa huwa l-mużika. Fl-4 ta' Lulju 1800, il-prokuratur ħallas 3 skudi u tari lill-Maestro di Cappella għas-servizz tal-vjolinisti matul il-festa [18].

Jidher bic-car li fil-festa tal-Kommemorazzjoni ta' San Pawl ta' l-1800, ħadet sehem il-kappella tal-mużika tal-kattidral. Fl-arkivju tal-kattidral nsibu mandat ta' ħlas ta' 50 skud u 8 tari għar-rinforz tal-mużika, għall-mużicisti li ħadu sehem fil-festa ta' San Pietru w San Pawl u tal-kommemorazzjoni ta' San Pawl. Billi l-festa tal-kommemorazzjoni ta' San Pawl kienet issir fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl u mhux fil-Kattidral, jidher bic-car li l-kappella tal-Mużika tal-Kattidral, ħadet sehem fil-festi ta' San Pawl tar-Rabat [19].

1 *A.K.M. CEM Conti 135 104R*
2 *Ibid f 105V*
3 *A(rkivju) N(utarili) V(alletta) Atti Calcedonio Bonello 18-IX-1798 f 23R, 24V, 25R*
*Fl-istatus Animanem ta' l-Imdina u r-Rabat 1794 insibu l-imsemmi Dun Salv Salvaloco kien joqgħod ir-Rabat fi triq imsejħa 'Strada di Salvaloco'; Ara A(rkivju) K(attidral) M(alta) Vol 27 No7 Status Animanum Mdina u Rabat 1794 f. 13V*
4 *A.N.V. Atti Calcedonio Bonello 18-IX-1798 f 23R, 24V, 25R*
5 *Ibid f 25R*
6 *A.K.M. CEM Conti 180 f 34R*
7 *A.N.V. Atti Calcedonio Bonello 30-V-1799 Mill-istess att nafu li l-eżekutur Giuseppe Azzopardi kien ta' wkoll lill-knisja parrokkjali ta' San Pawl, Missall.*
8 *A.K.M. CEM Conti 164 f 73R, fejn insibu l-imsemmi Nikola Agius kien il-Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Pawl bejn l-1 ta' Lulju 1797 sa Awissu 1806*
9 *A.K.M. CEM Conti 167 f 80h*
10 *B. Galea Il-Konfraternita ta' San Pawl tar-Rabat, Programm Festi Ċentinarji San Pawl Rabat 60 - 1960, p25,27*
11 *A.K.M. CEM Conti 135, f 102V*
12 *Ibid. f 102R, 104R*
13 *F. Cutajar "L'Occupazione Francese di Malta nel 1798" (Malta 1933) p 17.*
14 *A.K.M. CEM Conti 135 f 102R*
15 *Ibid. CEM Conti 164 f 74R, f 81R*
16 *Ibid. f 74R*
17 *A.K.M. CEM Conti 135 f 102R*
18 *A.K.M. CEM Conti 164 f 81R*
19 *A.K.M. Depositeria Vol 40 f 21R, 21V*